MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 271/2000/1

**David Kent Watson u Edward V. Bartoli bħala produtturi esekuttivi tad-dokumentarju bl-isem *Knights of Malta* kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta *Malta Film International*; u b'dikriet tal-25 ta' Frar 2005 il-kawża tkompliet f'isem Jean Bartoli u Daniela, Peter, Edward, Gordon u Roderick aħwa Bartoli flok Edward V. Bartoli li miet waqt li kienet miexja l-kawża**

***Versus***

***Air Malta Co. Ltd* u *Channel 97 Ltd*; u b'dikriet tad-19 ta' Frar 2003 l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratriċi Legali Hilda Ellul Mercer ġew nominati kuraturi biex jirrappreżentaw lis-soċjetà *Channel 97 Ltd***

Din il-kawża hija dwar drittijiet ta' l-awtur. Is-sentenza tallum hija dwar likwidazzjoni ta' danni minħabba ksur ta' dawk id-drittijiet.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi ipproduċew dokumentarju fuq *videofilm* bl-isem ta' *Knights of Malta*. Din il-produzzjoni hija mħarsa taħt l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur [Kap. 196] għax hija meqjusa bħala pellikola ċinematografika u l-atturi għamlu ħafna studju u qattgħu ħafna ħin biex setgħu għamluha.

Il-konvenuti, mingħajr ebda permess ta' l-atturi, inqdew b'din il-produzzjoni għall-għanijiet u għall-qligħ tagħhom billi xandruha fuq *Channel Four* tal-*Melita Cable* u fuq *Channel Ninety-Seven* u fittxew illi jgħadduha bħala xogħol tagħhom, bi ksur ta' l-art. 7(1) tal-Kap. 196.

Billi għalhekk qegħdin igħidu illi għandhom id-dritt ta' l-awtur fuq il-produzzjoni, u l-għemil tal-konvenuti qiegħed joħolqilhom danni, fosthom telf ta' qligħ, minħabba ksur ta' dan id-dritt ta' l-awtur, l-atturi qegħdin jitolbu illi din il-qorti:

1. tgħid illi huma għandhom id-drittijiet ta' l-awtur;
2. tgħid illi l-konvenuti kisru dawn id-drittijiet;
3. iżżomm lill-konvenuti għal dejjem milli jerġgħu jxandru, jiddoppjaw jew jikkopjaw bi ksur tad-drittijiet ta' l-awtur ta' l-atturi d-dokumentarju fuq *videofilm* bl-isem *Knights of Malta*;
4. tgħid illi l-konvenuti għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrbu l-atturi;
5. tillikwida dawn id-danni; u
6. tordna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta' żewġ ittri uffiċjali.

B'sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2006 din il-qorti laqgħet l-ewwel erba' talbiet ta' l-atturi u ordnat illi jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tal-ħames u s-sitt talbiet.

Il-fatti relevanti, fil-qosor, huma dawn:

L-atturi ħejjew fuq *videofilm* dokumentarju dwar l-istorja tal-Kavallieri ta' Malta u għandhom drittijiet ta' l-awtur fuq dan id-dokumentarju. Il-konvenuta *Air Malta Co. Ltd* [*Air Malta*] kisbet kopja ta' dan id-dokumentarju u għaddiet din il-kopja lill-konvenuta l-oħra *Channel 97 Ltd* [*Channel 97*] biex din ixxandar id-dokumentarju. *Channel 97* imbagħad xandret id-dokumentarju fl-20 ta' Marzu 1998 mingħajr il-kunsens ta' l-atturi. Is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006 tgħid illi b'għemilhom kemm *Air Malta* u kemm *Channel 97* kisru d-drittijiet ta' l-awtur ta' l-atturi u illi ż-żewġ konvenuti flimkien għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrbu l-atturi.

Għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni l-atturi b'nota tal-14 ta' Frar 2007 ippreżentaw prospett li juri d-drittijiet imħallsa għax-xandir tad-dokumentarju ta' l-atturi f'pajjiżi oħra. Ippreżentaw ukoll nota ta' osservazzjonijiet fit-22 t'April 2008 u *Air Malta* wieġbet għal din in-nota fit-23 ta' Ġunju 2008.

Billi, wara li nfetħet din il-kawża, il-liġi li tirregola d-drittijiet ta' l-awtur inbidlet għax għadda b'liġi l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur [Kap 415] li ħassar il-Kap. 196, tqum kwistjoni ta' dritt transitorju. Il-partijiet fin-nota tagħhom għamlu sottomissjonijiet bħallikieku l-materja hija regolata taħt il-Kap. 415.

Għalkemm fil-Kap. 415 hemm dispożizzjoni dwar l-effett tal-liġi fiż-żmien, madankollu, billi fil-każ tallum mhux biss ix-xogħol li dwaru saret il-kawża iżda wkoll l-għemil tal-konvenuti bi ksur tad-drittijiet ta' l-awtur sar qabel il-bidu fis-seħħ tal-liġi l-ġdida, l-atturi kellhom jedd miksub għad-danni taħt il-liġi l-qadima, u għalhekk hija l-liġi l-qadima li tirregola l-*quantum* tad-danni. Dwar dan ġà kien hemm deċiżjoni fis-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006 li torbot lil din il-qorti.

Id-dispożizzjoni relevanti għalhekk hija dik li nsibu fl-art. 13(3) tal-Kap. 196:

**13.** (3) Meta xi ħadd jikser d-drittijiet ta' l-awtur fuq xi xogħol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet ta' l-awtur, jiġi kundannat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, għall-ħlas tad-danni jew għall-ħlas ta' penali ta' mhux anqas minn għaxar liri u mhux aktar minn ħames mitt lira kif dik il-qorti, wara li tieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, jidhrilha xieraq, u għar-restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-ksur tad-drittijiet ta' l-awtur:

Fil-każ tallum l-atturi talbu danni, mhux penali.

Ma nġiebet ebda prova dwar il-qligħ li għamlu l-konvenuti bil-ksur tad-drittijiet ta' l-awtur.

Id-danni, fil-fehma tal-qorti, huma t-telf ta' dak li kienu jdaħħlu l-atturi li kieku l-konvenuti kisbu leġittimament mingħandhom il-jedd li jxandru d-dokumentarju f'Malta. F'ċirkostanzi normali, il-prezz ikun riżultat ta' ftehim bejn il-partijiet waqt li fil-każ tallum il-konvenuti effettivament "esproprjaw" lill-atturi billi l-fakoltà tax-xandir ħaduha minjeddhom, mingħajr il-kunsens ta' l-atturi, u d-danni għandhom jirriflettu dan il-fatt ukoll.

Il-prospett esebit mill-atturi juri illi liċenza għax-xandir tad-dokumentarju f'pajjiżi differenti ngħatat seba' darbiet, u d-dħul b'kollox kien ta' ħamest elef, erba' mija u disgħa u tletin sterlina u wieħed u tletin *pence* (£5,439.31), medja ta' seba' mija u sebgħa u sebgħin sterlina u erba' *pence* (£777.04) – bejn wieħed u ieħor daqs disa' mija u erbgħin euro (€940) – kull darba.

Wara li qieset dan kollu, u qieset ukoll illi x-xandir mill-konvenuti kien mhux bi ftehim ma' l-atturi iżda bi ksur tal-liġi, il-qorti tillikwida d-danni fis-somma ta' elf u erba' mitt euro (€1,400).

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi fis-somma ta' elf u erba' mitt euro (€1,400) u tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħaxijiet minn meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju u l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------